## Qorti Civili - Prim'Awla

**Imhallef : Onor. Dr. Gino Camilleri LL.D.**

**Seduta tat-8 ta' Marzu 2002**

**Citazzjoni numru l453/93 GC**

**Saviour Grech u John Agius ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' Data Systems Company Limited**

**vs**

**George Spiteri u Susan Spiteri bhala diretturi, ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' Grands Real Estate Limited**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-atturi nomine ppremettew:-

Illi s-socjeta konvenuta hija debitrici tas-socjeta attrici fl-ammont ta' hamest elef erba' mija u tnax-il lira maltin u wiehed u ghoxrin centezmu (Lm5412.21) rappesentanti l-bilanc mill-prezz ta' sistema ta' computers u accessorji mibjugha u konsenjati mis-socjeta attrici lis-socjeta konvenuta, fuq ordni taghha skond invoice annessa Dok. A;

Illi ghalkemm mitluba biex ihallsu diversi drabi, il-konvenuti nomine baqghu inadempjenti;

Illi l-kreditu tal-atturi nomine fis-somma ta' Lm5412.21 hu cert, likwidu u esigibbli u l-konvenuti nomine fil-fehma tal-atturi nomine ma ghandhom l-ebda difisa valida opponibbli f'din il-kawza kontra t-talba tal-atturi nomine ghal-hlas ta' dik is-somma kif jidher mill-affidavit anness Dok. X;

Ghalhekk l-atturi nomine talbu li l-konvenuti nomine jghidu ghaliex, ghar-ragunijiet premessi:-

(1) ma ghandiex dina l-Qorti taghti is-sentenza u tilqa t-talba tal-atturi nomine bla ma tghaddi ghas-smiegh tal-kawza kif provdut fl-artikoli 167-170 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) u hekk tikkundanna minnufih lill-konvenuti nomine jhallsu lill-atturi nomine s-somma ta' Lm5412.21,0 fuq imsemmija dovut kif intqal fuq;

Bl-imghax kummercjali mis-27 ta' Novembru, l99l sal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra bonarja tad-19 ta' Awissu 1993 kontra il-konvenuti nomine li gew ingunti ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi nomine debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti nomine fejn gie eccepit :-

1. Illi t-talbiet attrici huma infondatifil-fatt u fid-dritt billi l-konvenuti nomine hallsu l-ammont kollu li kienu obbligati jhallsu kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

2. Illi subordinatmaent u minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, l-interessi mhumiex dovuti mis-27 ta' Novembru, 1991 ghaliex l-imghax jista' jiddekorri biss mid-data tal-iskadenza tal-pagamenti liema dati huma stipulati fil-"klawsola" intitolata "Terms of Payment" fil-ftehim iffirmat bejn il-partijiet fis-27 ta' Novembru, l99l, hawn anness bhala dok. Z;

3. Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju tal-premess l-atturi nomine huma debituri tal-konvenuti nomine billi ikkawzawlhom danni rizultat ta' inadempjenzi kuntrattwali peress li naqsu jikkonsenjaw lill-konvenuti nomine "Modem and Communication Software" u peress illi naqsu jikkommissjonaw is-software rikjest ai termini tal-ftehim iffirmat bejn il-partijiet fis-27 ta'Novembru, l99l u hawn anness bhala dok. Z, liema pretensjoni ta' danni qed tigi avanzata permezz tat-talbiet rikonvenzjonali hawn annessi;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti nomine debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom;

Rat il-kontro-talba tal-konvenuti nomine fejn gie premess :

Illi jezistu r-rekwiziti kontemplati mill-Artikolu 396 et seq biex issir rikonvenzjoni mill-konvenuti nomine u peress illi l-konvenut nomine fil-fatt jixtiequ jinqdew b'dawn il-proceduri sabiex jipproponu l-kontro-talba taghhom;

Illi l-atturi nomine naqsu li jikkonsinjaw lill-konvenuti nomine "Modem & Communication Software" kif kienu obbligati jaghmlu ai termini tal-ftehim iffirmat bejn il-partijiet fis-27 ta' Novembru, 1991 u hawn anness bhala dok. Z u dan skond l-artikolu intitolat "List of Hardware and Software";

Illi sal-gurnata tallum l-atturi nomine ghadhom u ma kkomissjonawx is-Software rikjest kif kontemplat mill-ftehim iffirmat bejn il-patijet fis-27 ta' Novembru, l99l u hawn anness bhala dok. Z;

Illi bhala rizultat ta' dan il-ksur kuntattwali l-atturi nomine sofrew danni ngenti;

Ghalhekk il-konvenuti nomine talbu li l-atturi nomine jghidu ghaliex, ghar-ragunijiet fuq premessi, m'ghandhiex din il-Qorti:-

1. Tiddikkjara li l-atturi nomine naqsu li jikkkunsinnaw lill-konvenuti nomine "Modem & Communication Software" kif kienu obbligati li jaghmlu ai termini tal-ftehim iffirmat bejn il-partijiet fis-27 ta' Novembru, l99l u hawn anness bhala dok. Z u dan skond l-artikolu intitolat "List of Hardware and Software";

2. Tiddikkjara li l-atturi nomine ghadhom ma ikkommissjonawx is-Software kif kontemplat fil-ftehim iffirmat bejn il-partijiet fis-27 ta' Novembru, l99l u hawn anness bhala Dok. Z;

3. Tiddikkjara li bhala rizultat ta' dan il-ksur kuntrattwali da parti tal-atturi nomine, il-konvenuti nomine sofrew danni ingenti;

4. Tillikwida d-danni sofferti mill-konvenuti nomine kawza tal-inadempjenzi kuntrattwali da parti tal-atturi nomine;

5. Tikkudnanna lill-atturi nomine ihallsu lill-konvenuti nomine id-danni hekk likwidati;

Bl-ispejjes kontra l-atturi nomine li gew ingunti ghas-subizzjoni;

Rat id-dikajrazzjoni tal-konvenuti nomine annessa mal-kontro-talba taghhom debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-atturi nomine ghal-kontro-talba tal-konvenuti nomine fejn gie eccepit :

1. Illi it-talbiet tal-konvenuti nomine fil-kontro-talba taghhom huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra taghhom billi l-atturi nomine kellhom jikkonsenjaw dak mitlub mill-konvenuti f'kaz li huma jpoggu a disposizzjoni taghhom "stand" go fiera, liema fiera ma sehhitx kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, u ghalhekk l-obbligu kondizzjonali tal-atturi ma giex res esegwibbli peress li l-kundizzjoni m'avverratx ruhha;

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi nomine debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet;

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta' Frar 1999;

Ikkonsidrat:

Is-socjeta attrici qed titlob li s-socjeta konvenuta tigi kundannata thallas hamest elef erba' mija u tnax-il lira maltin u wiehed u ghoxrin centezmu (Lm5412.21) bilanc ta' somma akbar prezz ta' sistema ta' computers u accessorji mibjugha u konsenjati lis-socjeta konvenuta fuq ordni taghha stess;

Is-socjeta konvenuta primarjament qed teccepixxi li hallset lis-socjeta attrici l-ammont kollu li kienet obbligata li thallas;

Is-socjeta konvenuta ghamlet kontro-talba fejn allegat li s-socjeta attrici naqset li tikkonsenja "modem" u "communication software" skond kif kienet obbligata li tghamel skond ftehim tas-27 ta' Novembru 199l. Inoltre s-socjeta attrici naqset li tikkommissjona is-software provdut minnha ukoll kif obbligat li tghamel skond l-istess ftehim ta' Novembru 1991. Dawn in-nuqqassijiet ikkawzaw danni ngenti lis-socjeta konvenuta li talbet li jigu likwidati dawn id-danni;

Is-socjeta attrici ghal dawn it-talbiet tas-socjeta konvenuta eccepit illi l-obbligu taghha li tikkonsenja il-"modem" u s-"software" indikati mis-socjeta konvenuta kien soggett ghal fatt li l-istess socjeta attrici tinghata l-opportunita' mis-socjeta konvenuta li tiehu parti go fiera liema kundizzjoni pero' ma avverratx ruhha;

Fl-ewwel lok ser tigi trattata t-talba tas-socjeta attrici. Kien John Agius li, ghan-nom tas-socjeta attrici, nnegozja l-bejgh in kwestjoni mas-socjeta konvenuta. Huwa xehed f'dawn il-proceduri u rrefera ghal ftehim bil-miktub li sar fis-27 ta' Novembru 1991 dwar l-istess bejgh. Kopja ta' dan il-ftehim tinsab esibita a fol.22 sa 25;

L-imsemmi xhud Agius qal li oltre l-oggetti u servizzi indikati f'dan il-ftehim, is-socjeta attrici ssupplit lis-socjeta konvenuta oggetti ohra u servizzi ohra kif hemm indikat fil-prospett esibit a fol.59. Huwa kkonferma ukoll li a bazi ta' dan il-prospett is-socjeta konvenuta ghad ghandha thallas is-somma indikata fic-citazzjoni. Jirrizulta li l-imsemmi John Agius dwar dan l-istess bejgh kien jinnegozja ma George Spiteri u Sergio Galea ghas-socjeta konvenuta. Dawn iz-zewg persuni xehedu f'dawn il-proceduri;

L-imsemmija zewg rappresentanti tas-socjeta konvenuta, li wiehed minnhom hu direttur tal-istess socjeta, qalu li s-socjeta konvenuta ghamlet pagament ta' elf liri maltin (Lm1000), liema pagament mhux inkluz fl-imsemmi prospett li ppresentat is-socjeta attrici. Huma ghalhekk sostnew li s-somma mitluba ghandha fi kwalunkwe kaz titnaqqas bl-imsemmija somma ta' Lm1000. Dwar dan, l-imsemmi John Agius ma eskludix li dan il-pagament seta' sar da parti tas-socjeta konvenuta, huwa pero' qal li jekk dan il-hlas sar dan ittiehed in konsiderazzjoni fl-prospett a fol.59. Mid-dokumenti esibiti minn fol.130 sa 132 jirrizulta li dan il-pagament sar u li dan l-istess pagament mhux imdahhal fl-imsemmi prospett. Jirrizulta ghalhekk li s-somma mitluba ghandha titnaqqas bis-somma ta' Lm1000;

L-imsemmi Sergio Galea kkonferma li s-socjeta konvenuta kienet ircevit l-oggetti kollha li huma indikati fl-imsemmi prospett tas-socjeta attrici, pero' f'dan ir-rigward huwa esprima certi riservi jekk sarux is-"software upgrades" li huma ukoll indikati fl-istess dokument. F'dan ir-rigward George Spiteri kkonferma li dawn is-software upgrades qatt ma gew ordnati. Huwa jghid li in effett qatt ma hadmu b'dan is-software u ghalhekk zgur li qatt ma kellhom bzonn ta' "upgrades". Dwar dan l-imsemmi xhud John Agius ikkonferma li s-software upgrades indikati fil-prospett presentat mis-socjeta attrici in effett saru. Is-socjeta attrici pero f'dan ir-rigward naqset li tippresenta prova dokumentarja fis-sens li dawn l-upgrades gew ordnati mis-socjeta konvenuta u li fil-fatt saru. Ma gie esibit ebda ftehim f'dan ir-rigward u lanqas ma giet presentata xi ordni jew xi accettazzjoni da parti tas-socjeta konvenuta li dan ix-xoghol sar. In vista ta' dan kollu s-somma mitluba ghandha ulterjorment titnaqqas bis-somma komplessiva ta' elf tlett mija u wiehed u tmenini liri maltin (Lm1381) (Lm601+Lm780);

L-imsemmi Sergio Galea sostna inoltre li s-somma mitluba ukoll ghandha titnaqqas b'seba mitt liri maltin (Lm700) u dana bhala l-prezz ta' reklamar li sar a beneficcju tas-socjeta attrici f'pubblikazzjoni tas-socjeta konvenuta u liema reklamar kien gie ordnat u accettat mis-socjeta attrici. John Agius ammetta li kien hemm dan il-ftehim u li r-reklamar effettivament sar, pero huwa qal li dan ittiehed in konsiderazzjoni meta sar l-imsemmi prospett. Dan zgur li ma jirrizultax mill-istess prospett. Ghalhekk anke is-somma ta' Lm700 ghandha titnaqqas mis-somma li qed tintalab;

Fl-ahhar nett ix-xhud George Spiteri sostna li s-socjeta attrici ssupplit programm, cioe novel software, b'mod irregolari tant li s-socjeta konvenuta mhux debitament licenzjata biex thaddem u tuza dan l-istess programm u ghalhekk lanqas ma jistghu jsiru "upgrades" tieghu. Huwa qal li ghal dan il-programm is-socjeta konvenuta hallset is-somma ta' elf u mitejn liri maltin (Lm1200), liema somma, skond l-istess xhud ghandha ukoll titnaqqas mill-ammont mitlub. F'dan ir-rigward ma jirrizultax sufficjentement li s-somma mitluba ghandha ukoll titnaqqas bl-imsemmija somma ta' Lm1200. Ghandu jinghad li s-socjeta konvenuta kellha facilment tinduna mill-ewwel b'dan kollu u messa lmentat mas-socjeta attrici mill-bidu nett. Inoltre l-imsemmi xhud Sergio Galea ma kkonfermax dak li qal ix-xhud Geroge Spiteri, li da parti tieghu ukoll ikkonferma li in effett is-socjeta konvenuta ma kienitx irregolat il-posizzjoni taghha fir-rigward tal-programm in kwestjoni;

In vista ta' dan kollu t-talba attrici ghandha tigi akkolta biss in parte u cioe ghandha tigi akkolta limitatament ghas-somma ta' elfejn tlett mija u wiehed u tletin liri maltin u wiehed u ghoxrin centezmi (Lm2331.21) u dana peress li mis-somma mitluba (Lm5412.21) ghandhom jitnaqqsu s-somom fuq indikati u cioe Lm1000, Lm1381 u Lm700;

Fit-tieni lok ghandu jinghad li l-kontro-talba tas-socjeta konvenuta ma tirrizultax sufficjentement ippruvata. Mill-imsemmija kopja tal-ftehim originali jirrizulta li l-partijiet ftehemu li s-socjeta konvenuta ma kelliex thallas il-prezz ta' certi oggetti indikati fl-istess ftehim kemm il-darba l-istess socjeta konvenuta tpoggi a disposizzjoni tas-soocjeta attrici, b'xejn, spazju fil-fiera tar-Real Estate li kellha ssir fi Frar 1992. Fl-istess ftehim il-partijiet ziedu kliem fis-sens li kellhom ukoll jigu konsenjati minnghajr hlas CD-Rom u Modem u Communication Software. Hu car li l-konsenja ta' dawn l-ahhar oggetti hi ukoll marbuta mal-imsemmija kundizzjoni li jinghata l-ispazju fil-Fiera. Jidher li l-fiera in kwestjoni ma saritx u ghalhekk is-socjeta attrici ma nghatatx l-imsemmi spazju. Ghalhekk hu zgur li ma avveratx ruhha l-imsemmija kundizzjoni. Konsegwentmentment is-socjeta attrici ma kienitx tenuta li tikkonsenja l-oggetti in kwestjoni inkluz il-modem u communication software;

Is-socjeta konvenuta, inoltre, ssostni li s-software li pprovdit is-socjeta attrici ma giex ittestjat kif stipulat fl-imsemmi ftehim u qatt ma nhareg ic-certifikat finali. Ix-xhud George Spiteri qal li s-software tar-"real estate" ma kienx tajjeb u ghalhekk qatt ma ntuza. Jista jinghad, f'dan ir-rigward, li x-xhud l-iehor Sergio Galea ma kkonfermax ghal kollox dak li qal Spiteri. Huwa qal li in effett is-socjeta konvenuta kienet tuza l-programm tar-"real estate" pero' biss in parti peress li dan ma kienx jghaggel bizzejjed. Jirrizulta ukoll li kien l-istess xhud Galea, ghan-nom tas-socjeta konvenuta, li kien ta l-ispecifications kollha lis-socjeta attrici ghar-rigward ta' dan il-programm;

Ix-xhud Galea qal li huwa stess kien ghamel programm iehor biex jirrimedja ghall-imsemmi nuqqas tal-programm fornit mis-socjeta attrici. F'dan ir-rigward ghandu inoltre jigi rilevat li s-socjeta konvenuta ma ghamlet l-ebda prova dwar il-konsistenza tad-danni li hi qed tallega li sofriet. Minn naha l-ohra ghandu ukoll jinghad li John Agius, ir-rappresentant tas-socjeta attrici, ikkoferma li s-software kollu gie kummissjonat ciioe' "fully commissioned". Inoltre x-xhud Galea ukoll ikkonferma li kien sar testing informali, li kien gie accettat mis-socjeta konvenuta;

In vista ta' dan kollu t-talbiet kollha fil-kontro-talba tas-socjeta konvenuta ghandhom jigu michuda filwaqt li t-talba tas-socjeta attrici kif kontenuta fic-citazzjoni ghandha tigi akkolta pero' limitatatment ghas-somma ta' elfejn tlett mija u wiehed u tletin liri maltin u wiehed u ghoxrin centezmi (Lm2331.21);

Ghal dawn il-motivi kollha:

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tichad it-talbiet kollha kif kontenuti fil-kontro-talba tas-socjeta konvenuta u billi fit-tieni lok tilqa biss in parte t-talbiet attrici u tikkundanna s-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' elfejn tlett mija u wiehed u tletin liri maltin u wiehed u ghoxrin centezmi (Lm2331.21) rappesentanti l-bilanc mill-prezz ta' sistema ta' computers u accessorji mibjugha u konsenjati mis-socjeta attrici lis-socjeta konvenuta, u dana bl-imghaxxijiet kollha legali mid-data ta' din is-sentenza;

L-ispejjez jithallsu kwantu ghall-kwart (1/4) mis-socjeta attrici u kwantu ghar-rimanenti tlett kwarti (3/4) mis-socjeta konvenuta.